# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Jannar, 2020**

Avviz tat-Talba numru: **281/2019**

**GO P.L.C**
[REG. NRU. C-22334]

***VERSUS***

**SMAINI GALEA JEMAA**
[K.I. NRU. 146509L]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-2 ta' Ottubru, 2019 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elfejn, mija u tmienja u hamsin ewro u sittin centezmu (€2,158.60c) rapprezentanti servizzi in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40775130, kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. Talbet ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri gudizzjarji u l-imghaxijiet legali.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza ta' l-20 ta' Novembru, 2019 (*a fol*. 11) u la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi difensur ghaliha biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici.  Ghalhekk, il-konvenuta waqghet fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif puntwalizzat fil-verbal ta' l-imsemmija udjenza.[1]

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni mehmuza ma' l-Avviz tat-Talba (*a foll*. 2–4) u kif ukoll ta' dak affermat minn Paul Gatt fl-udjenza ta' l-20 ta' Novembru, 2019 fejn, f'kapacità rapprezentattiva, stqarr bil-gurament hekk: "*Deher Paul Gatt in rapprezentanza tas-Socjeta' Attrici illi bil-gurament tieghu moghti seduta stante ikkonferma illi s-Socjeta' Attrici ghadha kreditrici tal-Konvenuta fl-ammont intier ta' EUR2158.60 u li l-ebda somma akkont ma thallset fil-mori ta' dawn il-proceduri. L-imsemmi Paul Gatt, fil-kapacita' premessa, ikkonferma bil-gurament id-dokumenti ezebiti a fol.2 u fol.3 tal-atti.*" (ara *a fol*. 11).

Wara li t-Tribunal ha konjizzjoni ta' dan kollu, li jixhed dwar l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri, l-istess jinsab konvint li mill-assjem tieghu jirrizulta li t-talba tas-socjetà attrici hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjetà attrici ma ghandux mis-sewwa.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat – u bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjetà attrici huwa interament dovut mill-konvenuta.

---

[1] Ghall-istitut tal-kontumacja u kif dan japplika ghal procedimenti quddiem dan it-Tribunal, wiehed huwa mistieden jara *in re* **Margal Limited v. Eucharist Bajada** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 5 ta' Frar, 2019).

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjetà attrici s-somma ta' elfejn, mija u tmienja u hamsin ewro u sittin centezmu (€2,158.60c), bl-imghaxijiet fuq tali ammont, bir-rata ta' 8%, jibdew mit-2 ta' Ottubru, 2019 (data tal-prezenti sejha gudizzjarja) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, kif mitlub fl-Avviz tat-Talba, huma kollha a kariku tal-konvenuta.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*